# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 28 ta' Frar 2022

Nru : **5**

Rikors Nru. **103/2021ISB**

**Mark A. Gatt (ID 337967M)**

**Vs**

**X**

Il-Qorti :

Rat ir-Rikors ta' Mark A. Gatt, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 337967M fil-kwalita' tieghu ta' azzjonista u Direttur tas-socjeta' Eurochange Financial Services Limited (C-23282) tas-7 ta' Dicembru 2021.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Rikors.

Ra d-digriet tas-17 ta' Jannar 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors thalla ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2022.

Ra l-verbal tas-udjenza msemmija minn fejn jirrizulta illi r-rikors thalla ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-Artikolu **132(1) tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta ighid espressament hekk:

> *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*

Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrent jghid illi huwa Direttur u Azzjonista fis-socjeta` kummercjali **Eurochange Financial Services Limited** (C23282).

Illi kif jirrizulta ukoll minn kopja tal-*Memorandum & Articles of Association* ta' l-istess kumpannija kummercjali, huwa jiddettjeni 393,336 "A" shares, filwaqt illi persuna ohra bl-isem ta' Joseph Lagana jiddettjeni 6,664 "B" shares. L-imsemmi Joseph Lagana huwa ukoll direttur tal-istess socjeta'. Illi dawn huma l-unici socji illi jirrizulta illi ghandha l-kumpannija msemmija.

Illi kif jirrizulta mill-<u>artikolu 12</u> tal-imsmemija *Articles of Assocation*, huwa necessarju, ghall-validita' ta' *quorum* ghaz-zamma ta' laqgha generali tal-kumpannija, illi l-"B" shares ikunu rapprezentati fil u waqt il-laqgha.

Illi kif jixhed l-estratt mahrug mir-Registru Pubbliku tac-certifikat tal-mewt numru 3586/2020, id-detentur tal-"B" shares, l-imsemmi Joseph Lagana miet nhar is-16 ta' Dicembru 2020 u sa issa baqghu ma sarux it-trasferiment tal-ismha *de quo*.

Illi r-rikorrent ighid illi ai termini tal-Artikolu 128(1) tal-KAP 386 huwa mehtieg illi tinzamm il-Laqgha Generali Annwali, b'dan pero` illi in

mankanza ta' detentur tal-"B" shares, il-laqgha ma jistghax ikollha *quorum* validu kif irid l-istatut tal-kumpannija.

Illi r-rikorrenti jinvoka l-artikolu 210 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta li ighid hekk:

> *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, fil-każ ta' kumpanija privata, riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata mill-membri kollha li għal dak iż-żmien ikollhom jedd li jirċievu avviż u li jattendu għal laqgħat ġenerali u li jivvotaw fihom tkun valida u effettiva daqslikieku tkun għaddiet f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija msejħa u miżmuma b'mod xieraq u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 155 ma japplikawx. Laqgħat ġenerali annwali tal-kumpanija jistgħu jinżammu skont dan l-artikolu: Iżda riżoluzzjoni bil-miktub kif intqal qabel tkun nulla jekk tkun maħsuba biex tneħħi direttur jew awditur qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-kariga tiegħu, jew inkella tkun maħsuba sabiex ma tagħtix lill-awdituri l-jeddijiet li jattendu u li jinstemgħu f'kull laqgħa ġenerali tal-kumpanija f'kull parti tax-xogħol tal-laqgħa li tolqothom bħala awdituri.*

u ighid illi huwa manifestament car illi fic-cirkostanzi ma hemmx il-htiega illi tinghata *notice* in mankanza ta' azzjonista iehor biex issir il-laqgha generali.

Illi **DOK D** mar-rikors promotur hija d-*draft tar-rizoluzzjoni* li hija intiza illi tittiehed u tigi approvata fil-laqgha generali illi talvolta tigi ordnata ssir b'dan il-provvediment. Din ir-rizoluzzjoni tikkontjeni hames items, (1) Financial statements, (2) Auditor's report, (3) Director's report, (4) Directors u (5) Auditors.

**Ikkunsidrat ultejorment:**

Illi l-Artikolu 132(1), li a bazi tieghu saret din il-procedura, jistabillixxi ghalhekk is-segwenti kriterju sabiex azzjoni bhal din tirnexxi - *xi raġuni li ghaliha ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew xi jew l-istess raguni li ghaliha ma jkunx prattikabbli jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att*.

Il-Qorti tqis illi l-mewt ta' azzjonista, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn l-ismha tieghu ghandhom mhux formalment trasferiti lil

min hu intitolat ghalihom, hija altru milli raguni kontemplata kif hawn fuq citat.

Din it-talba odjerna saret minn azzjonist iehor li huwa ukoll direttur tas-socjeta` Eurochange Financial Services Limited, u ghalhekk huwa sodisfatt ir-rekwizit li trid il-ligi fl-istess provvediment msemmi – cioe` - li t-talba saret *fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, <u>fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa</u>.*

Accettat dan u sodisfatti dawn il-kriterji, din il-qorti tista' *…… tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*

Illi din il-Qorti allura ma tarax ghalfejn m'ghandiex takkolja it-talba mressqa B'dana kollu, u anke jekk ma jirrizultax mir-rizoluzzjoni annessa illi ghandu jkun il-kaz, il-Qorti qed taghmel car illi ebda decizjoni li tittiehed fil-laqgha generali li ghandha tinzamm bis-sahha ta' din l-awtorizazzjoni ma ghandha tippregudika b'mod jew iehor l-ismha "B" fil-kumpannija, kemm in kwantu valur, kemm in kwantu sahha u kemm f'termini ohra, u peress illi tali ismha "B" ghad irid jigu iskritti fuq persuna/i ohra, allura ebda decizjoni ma ghandha tittiehed f'laqgha hawnekk awtorizzata li ghandha twassal ghal telf, zghir jew kbir, mill-*istatus quo* tal-llum tal-ismha "B" tal-kumpannija msemmija.

**GHALDAQSTANT**, wara li rat l-atti kollha u in segwitu ghall-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qed tghaddi biex tipprovdi billi:

a) **tilqa'** t-talba mressqa mir-rikorrent fid-disa' (9) paragrafu tar-rikors promotur u tiffissa il-gurnata tal-Erbgha 16 ta' Marzu 2022, fis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00) sabiex jittiehdu, fit-termini ta' din id-decizjoni, ir-rizoluzzjonijiet annessi u mmarkati **DOK D** mar-rikors promotur u jigu ffirmati mir-rikorrent daqs li kieku saret il-laqgha generali a tenur tal-artiklu 132(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) **Tordna,** minkejja dak stipulat fl-artikolu 12 tal-*Articles of Association* tal-kumpannija, illi ghal finijiet tal-laqgha generali illi qed tigi awtorizzata illi ssir, ir-rikorrent wahdu *qua* azzjonista tal-kumpannija kummercjali **Eurochange Financial Services Limited** ikun jikkostitwixxi *quorum* ghall-finijiet ta' din il-laqgha;

c) **Tordna** illi f'din il-laqgha hekk awtorizzata ma jittiehdu ebda decizjonijiet illi jistghu, b'mod jew iehor, b'mod dirett jew indirett, iwasslu ghal xi forma jew ohra ta' pregudizzju lill-ismha "B" tal-kumpannija kif hawn fuq jinghad.

Spejjes ta' din il-procedura a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**